MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 2586/2000/1

***Sea Malta Company Limited***

***Versus***

**Karl u Catherine konjuġi Herrera**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex il-ħlas ta' penali stipulata f'kuntratt ta' impjieg mal-konvenut talli l-konvenut telaq mill-impjieg qabel iż-żmien miftiehem.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-konvenut kien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *executive officer* mit-3 t'Awissu 1992. B'kitba tat-12 ta' Novembru 2000[1], meta l-attriċi awtorizzat lill-konvenut jibda l-istudji li jwasslu għal *graduate diploma of the Institute of Data Processing Management*, hu ntrabat li jħares xi kondizzjonijiet, fosthom dik ewlenija illi jaqdi lill-attriċi fil-ħatra tiegħu għal mhux anqas minn tliet snin minn dakinhar meta jikseb id-diploma. Il-konvenut kiseb id-diploma fil-31 t'Awissu 1999 u ngħata l-ħatra ogħla ta' *assistant manager*.

[1] Fil-fatt il-kitba saret fit-12 ta' Novembru 1996, *foll*. 6 *et seq*.

B'ittra li waslet għand l-attriċi fit-30 t'Awissu 2000, il-konvenut telaq l-impjieg tiegħu, u hekk kiser il-kondizzjoni tal-ftehim. Minħabba dan il-ksur, il-konvenuti għandhom jagħtu lis-soċjetà attriċi tlitt elef seba' mija u disgħin lira (Lm3,790), maqsuma hekk: elfejn lira (Lm2,000) bħala penali talli l-konvenut telaq l-impjieg sentejn qabel iż-żmien miftiehem, u elf, seba' mija u disgħin lira (Lm1,790) bħala spejjeż li ħarġet l-attriċi għall-istudji tal-konvenut. Dawn il-flus għandhom jintraddu lill-attriċi skond il-ftehim.

Billi għalxejn sejħet lill-konvenuti kemm-il darba biex iħallsu, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut Karl Herrera kiser il-kondizzjoni li ntrabat biha bil-kitba tat-12 ta' Novembru 1996 meta telaq l-impjieg qabel iż-żmien miftiehem;
2. tgħid illi l-konvenuti għandhom jagħtu lill-attriċi tlitt elef seba' mija u disgħin lira (Lm3,790) bħala penali u radd ta' spejjeż kif imfisser fuq; u
3. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta' tlitt elef seba' mija u disgħin lira (Lm3,790), flimkien ma' l-imgħax sa meta jsir il-ħlas u l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-konvenuta għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax il-konvenut kien iffirma l-ftehim meta l-konvenuti kienu għadhom mhumiex miżżewġin;
2. il-ftehim kien "sorpassat", u għalhekk kien hemm novazzjoni, bi ftehim ieħor bejn is-soċjetà attriċi u l-*General Workers Union* li jgħid illi kuntratti individwali li kellhom l-impjegati mas-soċjetà attriċi kellhom jintemmu u r-relazzjoni legali bejniethom tkun regolata bil-ftehim bejn l-attriċi u l-*union*; u
3. l-attriċi għandha turi kif waslet għas-somma li qiegħda titlob. Waqt is-seduta ta' l-14 ta' Frar 2003 il-konvenuti qalu illi, bla preġudizzju għar-responsabbiltà, huma ma jikkontestaw xil-*quantum* mitlub[2].

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

B'kitba tat-12 ta' Novembru 1996, li saret meta l-konvenut kien impjegat mas-soċjetà attriċi, il-konvenut intrabat illi, talli l-attriċi tatu permess jistudja biex jikseb diploma, iħares dawn il-pattijiet:

---

2 *Fol*. 62.

a) To serve the Company for not less than three years as from the date of obtaining the pertinent Graduate Diploma.

b) To pay a penalty of Lm 3,000 should I fail to serve the Company for the said period of three years after obtaining the Graduate Diploma. This payment will be payable on a *pro rata* basis depending on the length of the service given.

c) To refund to the Company any expenses incurred in connection with the relevant examinations (*e.g.* registration fees, examination fees, tuition fees and any textbooks):

i. … … … *omissis* … … …

ii. should I decide to leave the company before the expiry of the three year period from date of qualification. … … …[3]

Il-konvenut kiseb id-diploma fil-31 t'Awissu 1999. B'ittra mingħajr data li iżda waslet għand l-attriċi fit-30 t'Awissu 2000[4], il-konvenut għarrafha li xtaq jitlaq l-impjieg minnufih, jekk jista' jkun bla ma jservi t-tmien ġimgħat ta' *notice period*. Is-soċjetà attriċi ma aċċettatx illi teħles lill-konvenut min-*notice period* u sejħitlu wkoll biex iħallas penali t'elfejn lira (Lm2,000), billi temm l-impjieg sena waħda biss wara li kiseb id-diploma, u biex irodd spejjeż ta' elf, seba' mija u disgħin lira (Lm1,790).

Fis-17 t'Ottubru 1997, wara li kien sar il-ftehim bejn l-attriċi u l-konvenut iżda qabel ma l-konvenut kiseb id-diploma u telaq l-impjieg, kien sar ftehim kollettiv[5] bejn is-soċjetà attriċi u l-*General Workers Union*. Il-konvenuti qegħdin igħidu[6] illi bis-saħħa ta' l-artikolu 45(b) tal-ftehim saret novazzjoni ta' l-obbligazzjonijiet bejn l-attriċi u l-impjegati tagħha, u li għalhekk il-ftehim tat-12 ta' Novembru 1996 ma għadux jorbot. L-art. 45(b) tal-ftehim kollettiv igħid hekk:

Article 45 – Registration or Termination of Employment

a) … … … *omissis* … … …

b) In case of termination of employment for reasons other than instant or summary dismissal, the

3 *Fol*. 6.
4 *Fol*. 8.
5 *Foll*. 24 *et seqq*.
6 *Fol*. 23.

Company shall give not less than the notice required in accordance with the periods mentioned above or payment in lieu thereof. Similarly, employees wishing to resign from the service of the Company shall give notice of not less than the applicable periods mentioned above, or, in the event of an employee failing to give the appropriate notice, he shall be liable to refund to the company the amount prescribed by law, which currently stipulates to be one half (½) of the salary that would be payable in respect of the appropriate notice period.[7]

Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu tat-talbiet u ta' l-eċċezzjonijiet, u nibdew minn dik tal-konvenuta illi tgħid illi għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax il-ftehim tat-12 ta' Novembru 1996 bejn il-konvenut żewġha u s-soċjetà attriċi kien sar qabel ma hija żżewġet lill-konvenut.

Għalkemm il-ftehim sar fit-12 ta' Novembru 1996, id-data relevanti għall-għanijiet tal-kawża hija t-30 t'Awissu 2000, meta twieldet l-obbligazzjoni tal-konvenut biex iħallas il-penali u jrodd l-ispejjeż talli temm l-impjieg tiegħu bi ksur tal-ftehim. L-eċċezzjoni ma tgħidx illi l-konvenuti ma kinux miżżewġin fid-data relevanti.

Kif sewwa tgħid is-soċjetà attriċi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, l-art. 1327(*f*) tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi fost id-djun li tbatihom il-komunjoni ta' l-akkwisti hemm:

kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda.

Billi għalhekk id-dejn huwa wieħed tal-komunjoni, l-ewwel eċċezzjoni hija miċħuda.

Dwar l-eċċezzjoni illi l-ftehim bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut kien superat bil-ftehim kollettiv, jidher ċar illi l-artikolu 45(b) tal-ftehim kollettiv, li fuqu qegħdin jistrieħu l-konvenuti, ma jagħmel xejn minn dan għax jirregola biss iż-żmien ta' *notice* u ma huwiex inkompatibbli mal-ftehim bejn il-partijiet.

Lanqas l-artikolu 30 tal-ftehim, li huwa dwar *training assistance schemes*, ma huwa inkompatibbli mal-ftehim bejn il-partijiet għax imkien ma jgħid illi s-soċjetà attriċi ma

[7] *Fol*. 42.

tistax, talli tkun għenet bi flus lill-impjegat biex jistudja, torbtu biex ipattilha billi jaqdiha bħala impjegat għal xi żmien, taħt penali jekk jonqos.
Il-konvenuti ressqu wkoll biex jixhdu lil rappreżentanti tal-*General Workers Union* li qalu li kien hemm *side letter* dwar ftehimiet bejn impjegati individwali u s-soċjetà attriċi, iżda din is-*side letter* baqgħet ma nġibitx quddiem il-qorti.
F'kull każ jidher ċar illi ma kienx hemm l-intenzjoni bejn il-partijiet illi l-ftehim tat-12 ta' Novembru 1996 ma jibqax iseħħ, tant illi l-konvenut baqa' jieħu l-benefiċċju minn dak il-ftehim ukoll wara li daħal fis-seħħ il-ftehim kollettiv, u ma jistax il-konvenut jippretendi illi l-parti tal-ftehim li taqbel lilu tibqa' fis-seħħ waqt li l-parti li ma taqbillux tinħall!
It-tieni eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.
Fil-fehma tal-qorti seħħew il-kondizzjonijiet kollha biex il-konvenut iħallas il-penali u jrodd l-ispejjeż kif irid il-ftehim: is-soċjetà attriċi wettqet l-obbligazzjonijiet tagħha taħt il-ftehim, il-konvenut kiseb id-diploma, u għalhekk kellu jwettaq l-obbligazzjoni tiegħu li jibqa' impjegat ma' l-attriċi għal tliet snin. Dan ma għamlux, għax telaq l-impjieg sentejn qabel, u għalhekk għandu jħallas il-penali u jrodd l-ispejjeż.
Dwar il-*quantum* ma hemmx kontestazzjoni, u għalhekk il-qorti tillikwida fis-somma ta' tlitt elef, seba' mija u disgħin lira (Lm3,790) dak li għandha tieħu s-soċjetà attriċi.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tgħid illi l-konvenut kiser il-pattijiet tal-ftehim bejnu u s-soċjetà attriċi, tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta' tlitt elef, seba' mija u disgħin lira (Lm3,790) flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------